MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tal-25 ta' April, 2007

Citazzjoni Numru. 780/2006

**D.G. Limited (C-30906) u Carmelo (837538M) u Pauline konjugi (30743M) Sammut**

**vs**

**L-Avukat Dr Martin Fenech u l-Prokuratur Legali Veronica Rossignaud b'digriet tal-15 ta' Jannar, 2007 nominati kuraturi deputati halli jirrappresentaw is-sidien mhux maghrufa ta' mill-intier tal-fond bin-numru tlieta u disghin (93) fi Triq Birkirkara, San Gwann**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mir-rikorrenti fil-21 ta' Awissu, 2006, li *in forza* tieghu, wara li ppremettew :

Illi l-partijiet hawn fuq indikati huma ko-proprjetarji tal-fond bin-numru tlieta u disghin (93) fi Triq Birkirkara, San Gwann fl-ishma hekk kif gej:

Illi s-sidien mhux maghrufa ilhom fi stat ta' ko-proprjeta mal-predecessuri fit-titolu tar-rikorrenti ghall-perjodu li jizboq l-ghaxar snin. Ghalhekk gie soddisfatt ir-rekwizit li l-imsemmija proprjeta tkun inzammet in komun ghal aktar minn ghaxar snin skond dak indikat l-Artikolu 495A (1) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta. In oltre, l-istess rikorrenti jikkonferma illi m'hemm l-ebda kawza dwar il-qsim tal-istess proprjeta' quddiem xi tribunal jew qorti kompetenti tal-pajjiz;

Illi r-rikorrenti sussegwentement ghall-akkwist taghhom tal-imsemmi fond skond l-att pubbliku ta' bejgh ippubblikat min-Nutar Pubbliku Dottor Marco Farrugia datat 2 ta' April 2003 (Dok DG1) huma skoprew li hemm sehem zghir hafna li huwa nieqes.

Illi dan il-porzjon jikkonsisti parti mis-sehem ta' Paul Attard illi miet ab intestato fis-sena 1976. Il-fond in kwistjoni intiret mill-ghaxar ahwa Attard f'porzjonijiet indaqs. 9/10 se jidhru fuq il-kuntratt. Il-porzjon ta' Paul Attard ghalhekk kien jikkonsisti f'1/10 tas-sehem intier, cioe' tal-fond in kwistjoni, u dan intiret mid-disgha ahwa tieghu. Kull wiehed mill-ahwa ta' Paul Attard wiret 1/90 tal-porzjon intier. 2/90 u cioe' is-sehem ta' Joseph Attard u il-werrieta ta' Giljan Attard se jidhru fuq il-kuntratt. 1/90 kien gja gie ittrasferit lil Giljan Attard mill-werrieta ta' Anthony Attard hu Gijlan li se jidher fuq il-kuntratt. Ghalhekk ir-rimanenti 7/90 jew somma verjuri huwa 'unknown'.

Illi sussegwentement ir-rikorrenti dahlu f'konvenju man-Nutar Patrizia Mallia datat is-27 ta' Gunju 2006 (ippubblikat min-Nutar Pubbliku Marco Farrugia). (Ara konvenju hawn anness u immarkat bhala Dok DG2).

Illi r-rikorrenti m'humiex f'posizzjoni li jbieghu l-intier stante illi hemm il-porzjoni indiviz hawn fuq imsemmi ghand is-sidien mhux maghrufa u ghalhekk qed jipprevalixxu

ruhhom mill-Artikolu 495A tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta halli jigi approvat imsemmi bejgh minn din il-Qorti;

Illi r-rikorrenti jirrilevaw illi l-Prim'Awla tal-Qorti Civili gja ippronunzjat ruhha fuq il-mertu ta' dan ir-rikors fuq rikors iehor li sar fl-ismijiet 'D.G. Limited et vs Dr Mark Busuttil et noe'. (Ara digriet anness u immarkat bhala Dok DG3), in konnessjoni ma appartament li jinsab mibni fuq l-istess proprjeta' u jifforma parti mill-istess korp ta appartamenti li inbena fuq l-art li kien jokkupa precedentement il-fond bin-numru tlieta u disghin (93) fi Triq Birkirkara, San Gwann hawn fuq indikat;

Illi kontestwalment mal-presenti rikors ir-rikorrenti qed iressqu d-dikjarazzjoni taghhom skond il-ligi illi huma jaqblu mal-bejgh ai termini tal-imsemmi konvenju, kif ukoll hawn annessa dikjarazzjoni ai termini tal-Artikolu 495A (4) tal-Kodici Civili;

Talbu lill-intimati nomine jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex ghar-ragunijiet hawn fuq spjegati tawtorizza l-bejgh hekk kif ipprospettat f'dan ir-rikors u fl-imsemmi konvenju u dana taht dawk il-provvedimenti li hi jidhrilha xierqa u opportuni.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tal-15 ta' Jannar, 2007, li "in forza" tieghu inhatru l-Avukat Dr Martin Fenech u l-Prokuratur Legali Veronica Rossignaud bhala kuraturi biex jirrapprezentaw lis-sidien mhux maghrufa ta' mill-intier tal-fond bin-numru tlieta u disghin fi Triq B'Kara, San Gwann.

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati li *in forza* taghha huwa eccepew :

1. Illi huma m'humiex edotti mill-fatti u ma jafux minn huma l-eredi mhux maghrufa u ghalhekk jirrizervaw li jissottomettu risposti ulterjuri meta jkun il-waqt.

Rat l-atti kollha esebiti ma l-istess rikors;

Rat illi din il-Qorti appuntat is-smigh ta’ dan ir-rikors ghas-6 ta’ Frar, 2007.

Rat il-verbal tas-seduta tas-6 ta’ Frar, 2007 li permezz tieghu ir-rikorrenti iddikjaraw li ma jafux min huma s-sidien incerti li hemm referenza ghalihom fir-rikors promotur u iddikjaraw li ma kellhomx aktar provi xi jressqu.

Rat ir-rikors tar-rikorrenti kollha tat-12 ta’ Frar, 2007 fejn talbu lill-Qorti jogghobha tghaddi ghal digriet finali peress illi il-kuratur deputat l-Avukat Dr Martin Fenech nomine ipprezenta Nota fejn huwa iddikjara li m’ghandux provi xi irressaq f’dawn il-proceduri.

Rat l-imsemmija Nota ta’ l-Avukat Dr Martin Fenech nomine tat-8 ta’ Frar, 2007.

Rat ukoll ir-risposta ta’ Dr Martin Fenech et nomine tad-19 ta’ Frar, 2007 ghar-rikors tar-rikorrenti kollha tat-12 ta’ Frar 2007 li permezz taghha l-esponenti wiegbu li m’ghandhomx oggezzjoni ghar-rikors imressaq mir-rikorrenti fil-proceduri odjerni.

Rat id-digriet taghha ta’ l-20 ta’ Frar, 2007 fejn laqghet it-talba kontenuta fir-rikors tar-rikorrenti tat-12 ta’ Frar, 2007 u halliet ir-rikors ghall-provvediment ghal-lum.

Illi fic-cirkostanzi din il-Qorti taqta u tiddeciedi billi wara li rat ir-rikors tar-rikorrenti tal-21 ta’ Awissu, 2006 u l-atti kollha relattivi u peress li thoss li tali talba tissodisfa ir-rekwiziti tal-Artikolu 495 A tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta, tilqa t-talba kif dedotta u tordna l-bejgh tal-indikat immobbli skond il-konvenju datat 27 ta’ Gunju 2006 bil-prezz hemm indikat u bil-kundizzjonijiet kollha l-ohra hemm indikati u tordna li tali pubblikazzjoni ta’ l-istess kuntratt ta’ trasferiment issir it-Tnejn 21 ta’ Mejju, 2007 fil-hdax ta’ filghodu f’wahda mill-awli tal-Qrati Superjuri fil-Belt Valletta permezz ta’ l-Att Pubbliku relattiv li ghandu jigi ippubblikat minn Nutar Marco Farrugia u din il-Qorti qeghda tappunta wkoll lil Dr Martin Fenech u l-PL Veronica Rossignaud bhala kuraturi deputati sabiex jidhru ghall-komproprjetarji li jonqsu li jidhru fuq l-istess kuntratt

hawn ordnat; b'dan pero' illi s-sehem tal-intimati assenti ghandu jigi depositat mill-istess Nutar b'cedola ta' depositu apposita f'isem il-kuraturi deputati li jirrapprezentaw lill-assenti f'dawn il-proceduri u dan fi zmien hmistax-il gurnata mid-data tal-pubblikazzjoni ta' l-att relattiv hawn ordnat;

Bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------